# Tislima dejjiema lil Dr. Ġorġ Mifsud Chircop (1951 - 2007) fir-Razzett tal-Ħbiberija

*Mario Bugeja - Segretarju tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti*




*Dettal li juri l-ġmiel tal-bitha tar-Razzett tal-Markiż fejn jidhru l-bustijiet tal-iskultur Anton Agius u tat-tabib Daniel Micallef. (Kartolina ta' H.J. Thaulau)*

Xi kultant minħabba għadd ta' raġunijiet, aħna bħala poplu Malti għadna t-tendenza li l-prioritajiet tagħna ma nagħrfuhomx kif jixraq, li nipprokrastinaw, li ninsew it-tingiż tal-kuxjenza, li ninsew inroddu l-ġieħ lil min jixraqlu. Għax il-monumenti ma jinbnewx għall-parenza u għat-tisbiħ tal-ibliet u l-irħula biss. Nibnuhom għaliex ifakkruna f'valuri li ta' min japprezza. U ġeneralment ikollhom jgħoddu ħafna snin u taqtigħ il-qalb biex il-pajjiż jirrikonoxxi uffiċjalment il-valur ta' monumenti dinjitużi lil-dawk li jkunu taw kontribut siewi lis-soċjetà tà madwarhom u lin-nazzjon inġenerali. Fuq kollox, tkun verament ħasra jekk wara kull ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali għal kull mafkar li jitwaqqaf, jibqgħu jeżistu biss bħala struttura estetika mal-bqija li għadna. Waqt li l-kuruni niexfa tal-fjuri jintremew qisu qatt ma kien xejn!

## KONTRIBUT

Għax verament nemmnu li dawn il-persuni ħaqqhom li jibqgħu jiġu mfakkra għall-kontribut siewi li huma taw lis-soċjetà f'diversi oqsma tal-ħajja, aħna ta' Talent Mosti, minn żmien għall-ieħor, intellgħu taħdidiet jew serati ta' mużika u letteratura li fihom nixħtu dawl ġdid fuq dawk li jkunu ħadmu qabilna. Fuq l-istess ħsieb hemm ukoll l-inizjattiva ta' twaqqif ta' bustijiet f'ġieħ dawn l-istess persuni, fir-Razzett tal-Markiż li hu ċentru ta' kultura nazzjonali. L-Għaqda hi kburija li minn post mitluq, din il-binja rurali Maltija rnexxielha tibdilha f'pont li jgħaqqad flimkien il-passat mal-preżent ta' ġensna. Għalhekk, bħala parti minn proġett ta' tisbiħ, l-għaqda rsistiet biex jitwaqqfu numru ta' bustijiet li x-xbiha ta' kull wieħed u waħda minnhom, ifakkruk f'persuni maħbuba li Talent Mosti ħass id-dover li jiġu mfakkra fil-kwartieri tiegħu għar-rispett u t-tislim tal-viżitaturi u tal-membri nfushom.

## OPPORTUNITÀ

Din il-kullana tinkludi lill-Markiż Nicola Mallia Tabone bħala omaġġ lejn dan il-benefattur, lill-għannej Frans Baldacchino "il-Budaj" li kien president onorarju tal-Għaqda, lill-poeta Mosti Sammy Calleja li kiteb l-innu

tal-Mosta, lill-Kav. Carmelo Dimech li kien benefattur ġeneruż tar-Rotunda, lir-riċerkatur u għalliem Mosti Anthony Camilleri, lis-soru wisq maħbuba mad-dinja kollha Madre Tereża u lill-avukat u kittieb George Zammit li l-Għaqda użat il-karattri ta' Wenzu u Rożi li ħoloq hu, biex tipproduċi erba' vidjows komiċi b'għan filantropiku. Flimkien ma' dawn insemmu lill-iskultur nazzjonali Anton Agius li kien president onorarju tal-Għaqda, lil Mons. Dun Angelo Camilleri li kien direttur spiritwali tal-Għaqda, lit-tabib Daniel Micallef li kien strumentali biex dan l-istess razzett ma' jiġġarrafx, lill-istatwarju Għawdxi Agostino Camilleri u lill-istudjuż u edukatur Emmanuel Benjamin Vella. Aħna nemmnu ukoll, li din l-inizjattiva qiegħda sservi ta' opportunità lill-għadd ta' skulturi magħrufa u oħrajn ġodda biex jesprimu t-talenti artistiċi tagħhom. L-iskulturi u l-artisti li ħadmu fuq dawn il-bustijiet insemmu, lill-għażiż Anton Agius, E. Borg Gauci, Monica Spiteri, Anton Mifsud, Frans Muscat, Omar Camilleri, Shawn Saliba, Savio Deguara, il-kav. Alfred Camilleri Cauchi u Ġanni Bonnici.

## STUDJUŻ EWLIENI

U nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2010, din l-"oasi" ta' sliem u ta' ħbiberija ġenwina kompliet tikber u tisbieħ, meta waqt din il-lejla ta' tifkira tajna ġieħ mistħoqq lil Dr. Ġorġ Mifsud Chircop li kien studjuż ewlieni dwar dak kollu li jagħmilna Nazzjon, ... ... Kburin bl-indentita' tagħna. Gorg twieled f'Ħal Qormi fl-1951, ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-kulleġġ ta' San Alwiġi u fl-Università ta' Malta minfejn kiseb B.A. (Hons.) M.A., P.G.C.E. u Ph.D. Huwa speċjalizza fit-teorija u l-prattika tal-folklor ta' art twelidna. It-Teżi tiegħu li kien irriċerka u kiteb fl-1978 bit-titlu "Type Index of the Maltese Folktale within the Mediterranean Tradition Area", kien kiseb il-premju "Karmen Micallef-Buhagiar" għall-aħjar teżi. Ġorġ ħalla warajh għadd imprezzabli ta' xogħlijiet li fihom dejjem fittex li jmexxi l quddiem dak kollu li hu Malti, b'ħila, serjetà, dedikazzjoni u mħabba. Kienu bosta dawk li fittxewh bħala konsulent letterarju. It-tagħlim tiegħu kien firxu saħansitra fuq l-istazzjonijiet tar-radju. Ħa sehem ukoll f'għadd ta' konferenzi kemm lokalment u kemm barra minn Malta. Sa mill-1998, ħa ħsieb jorganizza u jfassal il-festival Nazzjonali tal-Għana bis-sehem ta' għannejja u daqqaqa mill-pajjiżi Mediterranji. Fit-tmeninijiet tas-seklu XX, Ġorġ flimkien ma' martu Marlene u ż-żewġ uliedu Berenice u Jerome ġew residenti l-Mosta. Hu kien lettur regolari waqt il-quddies tal-Ħadd fir-Rotunda waqt li ħadem id f'id mal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2007 tħabbret il-mewt tiegħu fl-eta' ta' 56 sena. Mewtu ħasdet lil ħafna li kienu jafuh u jgħożżuh bħala ħabib. Sabiex is-soċjetà Maltija jkollha aktar persuni ħabrieka li jimxu fuq il-passi tiegħu, martu u wliedu waqqfu fond fl-Università ta' Malta biex perjodikament issir taħdita pubblika fuq il-folklor Malti.

## SERATA KOMEMORATTIVA

F'din il-lejla purament sajfija bil-kwiekeb leqqiena fuq rasna, intasabna bħall-aħwa fil-bitħa nofsana tar-razzett fuq it-taraġ u fuq is-setaħ arjuż biex ilkoll insegwu programm sempliċi iżda wisq sinifikattiv. Fost l-udjenza ferm numeruża kien hemm għadd ġmielu ta' eks-kollegi tal-Università eks-studenti, persuni mill-qasam tal-kultura, ħbieb u qraba. Saru diskorsi tal-okkażjoni mill-Prof. Oliver Friggieri u mill-Prof. Charles Briffa, waqt li eks-studenti ta' Dr. Mifsud Chircop qraw siltiet qosra imma varji mill-prima u r-riċerka tiegħu stess. Ma' setax jonqos li jingħata wkoll omaġġ xieraq mill-għannejja u kitarristi. Bla dubju tà xejn l-aktar mument kommoventi kien meta instema leħnu stess, mislut mill-programm "Tisqifa għall-għana tagħna" li hu kien tella' fuq ir-radju tal-Università. Lejn it-tmiem, il-P.R.O. ta' "Talent Mosti" Maria Lewis qrat il-messaġġ tal-President tal-Għaqda, Joe Bartolo, fejn fih radd ħajr lil kull min kien strumentali għall-organizazzjoni ta' din l-attività. Qabel għalaq il-kelmtejn tiegħu, il-President ikkonferma li bedà x-xogħol tal-bust tas-Sur Victor Agius,

*ikompli f'paġna 110*



*Iż-żewġ kelliema ewlenin il-Prof Oliver Friggieri (lemin) u l-Prof. Charles Briffa (xellug) li nisġu diskorsi ta' l-okkażjoni, nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2010. (Ritratt: Mario Vassallo)*



*Il-Bust ta' Dr. Ġorġ Mifsud Chircop wara l-monument tal-kxif uffiċjali tiegħu. Jidhru l-iskultur Savio Deguara (xellug) flimkien mas-Sinjura Marlene Mifsud Chircop u uliedha u l-Arċipriet Dun Mario Tong.*
*(Ritratt: Mario Vassallo)*

fejn qed jaħdem fuqu l-iskultur Mosti Frans Muscat. Bil-ħeġġa u d-determinazzjoni ta' "Victor ta' Kalċ" kif konna nafuh, kienu wasslu biex finalment fl-1988, l-Għaqda jkollha l-kwartieri tagħha. Ippreżentaw is-serata Joe Borg u Edward Schembri, żewġ qriema li huma eks-studenti ta' Dr. Mifsud Chircop. Waqt li l-armla tiegħu, is-Sinjura Marlene Mifsud Chircop kixfet il-bust ta' żewġha, xogħol l-iskultur żagħżugħ Mosti Savio Deguara. Dan il-mafkar ġie imbierek mill-Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta Dun Mario Tong.

## "ĠGANT GĦAREF U TWAJJEB"

Kull wieħed u waħda minn dawk kollha li għoġobhom jilqgħu l-istedina tagħna, kellhom l-opportunità li jduqu ftit mill-benna tal-istudju u l-analażi li kien isawwar b'ħila u b'imħabba, seħibna Ġorġ. B'hekk naħseb li rnexxielna inbexxqu tieqa ċkejkna fuq il-ħajja u l-karriera ta' dan "il-ġgant għaref u twajjeb." Għalkemm għaddew mal-ħdax il-sena, aħna tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti, għadha ċara f'moħħna l-memorja għażiża tiegħu meta kien ġie fil-kwartieri tagħna nhar id-9 ta' Ġunju tas-sena 2000 u ta taħdita interessanti u rriċerkata sew dwar xi aspetti varjati tal-folklor tagħna l-Maltin. Sintendi, hu baqà jkun mistieden minn żmien għall-ieħor għal xi ftuħ ta' wirja, taħdidiet u attivitàjiet oħra. Il-bust tiegħu li sab postu fil-ġardina grazzjuża ta' dan iċ-ċentru kulturali b'għan filantropiku, hu turija dejjiema li seħibna Ġorġ se jibqa' fi qlubna għal tul is-snin!

TMIEM

Referenzi


1. Michael J. Schiavone "Dictionary of Maltese Biographies"_ Vol. ll (G-Z) (Malta 2009).

2. IL-MOSTA ħarġa Nru. 6 (Vol. ll) 2008 "Tlifna ġgant għaref u twajjeb - Il-Mostin Isellmu lil Dr. Ġorġ Mifsud Chircop"- kitba ta' Louis Vassallo.

3. Programm tas-serata f'ġieħ Dr. Ġorġ Mifsud Chircop fl-okkażjoni tal-kxif tal-bust tiegħu - nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2010.